

Novembru - Diċembru 2018
Nru: 415

# LEĦEN IL-PARROĊĊA

## tal-Qalb bla tebgħa ta' Marija - Burmarrad

### *Ejja, Mulej Ġesù!*

Novembru u Diċembru huma x-xhur li jfakkruna fir-realtà sabiħa u mimlija tama tal-umanità. Ix-xahar marbut mal-mejtin kollha, minkejja li jfakkarna fil-fraġilità ta' ġisimna li għad imut, jibda biċ-ċelebrazzjoni li tfakkarna fis-sejħa speċjali li Alla jagħmel lil kull bniedem għall-qdusija. Huwa sawwab fina l-Ispirtu s-Santu li jagħmilna kapaċi għal ħajja qaddisa li tfakkarna li aħna maħluqa fuq xbieha ta' Alla nnifsu.

Il-wegħdiet li Alla għamel lill-poplu tiegħu tul l-istorja jerġgħu jidwu f'widnejna permezz tal-qari ta' kliem il-profeti matul il-jiem tal-Avvent li jfakkarna fl-istennija tal-Messija Ġesù li ġie u għad jerġa' jiġi.

> "Iva, jien dalwaqt ġej!" Hekk ikun. Ejja, Mulej Ġesù! Il-grazzja ta' Sidna Ġesù tkun ma' kulħadd! Ammen.
> *(Apok 22; 20-21)*

Iżda l-akbar ferħ u faraġ f'qalbna jitnissel meta naraw li l-imħabba u l-fiduċja li Alla għandu fl-umanità jwassluh biex isir bniedem bħalna u jgħaddi mill-istess esperjenzi tal-faqar u d-dgħufija tagħna. Il-preżenza tiegħu, l-imħabba tiegħu u l-għotja ta' ħajtu għalina huma s-salvazzjoni tagħna.

Jalla l-preżenza ta' Ġesù tkun Milied Qaddis għalik u għall-għeżież tiegħek! Awguri!

*P. Christian Anthony M. Borg OFM Conv.*
*Kappillan*

Flimkien

*Tista taqra r-rivista Flimkien online:*
*https://goo.gl/hz2umQ*

## *Attirata u Mibgħuta*

*Mill-messaġġ tal-Papa Franġisku għall-Ġurnata Missjunarja.*

### IL-ĦAJJA HI MISSJONI

Kull raġel u mara huma missjoni, u għalhekk jinsabu hawn fl-art. Il-qalb, l-aktar f'età żagħżugħa, tħoss żewġ tqanqiliet: tħossha *attirata* u tħossha *mibgħuta*. Inħossu fina l-qawwa tal-imħabba li twegħedna futur u timbuttana 'l quddiem fil-ħajja. Ħadd daqs iż-żgħażagħ ma jħoss dik il-qawwa tal-ħajja li tinfed u tattira. Hi sfida kbira li ngħixu b'ferħ ir-responsabbilità li għandna lejn id-dinja. Nifhem sew il-waqtiet ta' dawl u ta' dlam li jgħixu ż-żgħażagħ. Meta naħseb f'żgħożiti u fil-familja tiegħi niftakar kemm kienet qawwija t-tama f'ġejjieni aħjar. Il-fatt li ninsabu f'din id-dinja mhux għax iddeċidejna aħna, iwassalna biex nagħrfu li kien hemm inizjattiva li ġiet qabilna u li wasslet għall-eżistenza tagħna. Kull wieħed minna hu msejjaħ biex jirrifletti fuq din ir-realtà: "Jien *missjoni* fuq din l-art, u għalhekk ninsab f'din id-dinja"(*Evangelii gaudium,* 273).




### INĦABBRULKOM LIL ĠESÙ KRISTU

Filwaqt li tħabbar dak li ġie mogħti lilha b'mod gratwit (ara *Mt* 10,8; *Atti* 3,6), il-Knisja tista' taqsam magħkom iż-żgħażagħ it-triq u l-verità li jagħtu tifsira lill-ħajja fuq din l-art. Ġesù Kristu, li miet u rxoxta għalina, joffri lilu nnifsu lil-libertà tagħna u jipprovokaha biex tfittex, tiskopri u tħabbar dan is-sens veru tal-ħajja fil-milja tagħha. Għeżież żgħażagħ tibżgħux minn Kristu u mill-Knisja tiegħu! Fihom issibu t-teżor li jimla l-ħajja bil-ferħ. Qed ngħidilkom dan b'esperjenza: huwa grazzi għall-fidi li jien sibt il-bażi soda tal-ħolm tiegħi u l-qawwa biex inwettaq dan il-ħolm. Rajt ħafna tbatija u ħafna faqar jisfiguraw il-wiċċ ta' bosta minn ħutna l-bnedmin. B'danakollu, meta tibqa' ma' Ġesù, il-ħażen iqanqlek biex tħobb dejjem aktar. Ħafna rġiel u nisa, ħafna żgħażagħ taw lilhom infushom b'ġenerożità – xi drabi anki sal-martirju – għall-imħabba tal-Evanġelju, fil-qadi ta' ħuthom il-bnedmin. Mis-salib ta' Ġesù nitgħallmu l-loġika divina li twassalna biex noffru lilna nfusna (ara*1 Kor* 1,17-25) bħala tħabbira tal-Evanġelju għall-ħajja tad-dinja (ara *Ġw* 3,16). Meta nitkebbsu bl-imħabba għal Kristu, nikkunsmaw lilna nfusna f'dan in-nar, u dan ikabbarna, jdawwalna u jsaħħan lil qlubna (ara 2 *Kor* 5,14). Nistedinkom għall-iskola tal-qaddisin li jifthulna orizzonti kbar li jwasslu għand Alla, u f'kull ċirkustanza staqsu lilkom infuskom: "X'kien jagħmel Kristu kieku kien minfloki?"

## *Inħarsu l-Ħolqien*

Hekk kif intemm ix-xahar ta' Settembru ddedikat lill-Ħolqien, il-Kunsill Pastorali Parrokkjali ltaqa' maċ-Chairperson tal-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent, is-sur Mario Camenzuli, u ddiskuta kif il-parroċċa tagħna tista' tkun protagonista fil-ħarsien tal-ħolqien permezz ta' inizjattivi konkreti.

Dawn wara li fis-sentejn li għaddew sar investiment f'enerġija sostenibbli mill-Provinċja Franġiskana Konventwali permezz tal-installazzjoni tal-pannelli fotovoltajċi u mill-parroċċa bl-installazzjoni ta' dawl u arja kondizzjunata b'teknoloġija aktar effiċjenti.

Din is-sena naqqasna l-użu tal-karti li kienu jintużaw għall-komunikazzjoni bejn l-għaqdiet, mal-ġenituri eċċ.... u qed nużaw aktar l-imejl u l-midja soċjali.

Fix-xhur li ġejjin sa naħdmu biex neliminaw l-użu tal-plastik mill-attivitajiet tal-parroċċa minħabba li dan jagħmel ħsara kbira għall-ambjent kif tista' tara f'dan il-link: https://bit.ly/2J0uX3h.



Int ukoll tista' tgħin fil-ħarsien tal-ħolqien b'ġesti żgħar fil-ħajja ta' kuljum li juru attenzjoni u mħabba lejn l-ambjent ta' madwarna. Ħafna minnhom ma jitolbux xi sforz kbir imma jagħmlu differenza kbira.

Jekk għandek għal qalbek l-ambjent agħlaq il-vit tal-ilma meta ma tkunx qed tużah, itfi d-dawl xħin tkun ħiereġ minn xi kamra jew mid-dar, tħallix apparat elettroniku mixgħul għalxejn, evita li tmur bil-karozza għal xi qadja fil-qrib fejn tista' tmur bil-mixi jew bir-rota, uża kontenituri li jistgħu jibqgħu jintużaw u tarmix oġġetti li għadhom tajbin għall-użu, ħu l-basket miegħek meta tmur tixtri u, fejn tista', evita prodotti ppakkjati f'ħafna plastik jew karti. Dawn huma biss ftit eżempji li magħhom tista' żżid oħrajn u tħeġġeġ lil ħaddieħor jagħmel bħalek.






## Kalendarju

***Novembru***

**1** Solennità tal-Qaddisin kollha.

**2** Tifkira tal-Mejtin kollha. Quddies fil-5.30, 6.00, 6.30 am u 6.15pm.

**4** Quddiesa u tberik tal-oqbra fiċ-Ċimiterju fl-4.00pm.

**9** Laqgħa għall-ġenituri tat-tfal tal-Year 1 u 2 fil-MUSEUM fil-5.00pm.

**11** Ġabra bieb bieb għall-Festa.

**16** Laqgħa għall-ġenituri tat-tfal tal-Year 3 u 4 fil-MUSEUM fil-5.00pm.

**18** Jum il-Foqra.

**22-23** Assemblea Djoċesana.

**23** Laqgħa għall-ġenituri tat-tfal tal-Year 5 u 6 fil-MUSEUM fil-5.00pm.

**24** Pizza Night fiċ-Ċentru. Booking mal-membri tal-Kumitat Festa.

**25** Solennità ta' Kristu Re.

**26** Provi tal-Kant bi preparazzjoni għall-Avvent fil-Knisja fis-6.45pm.

Matul ix-xahar ta' Novembru kull nhar ta' Erbgħa, Ġimgħa u Ħadd ikun hemm quddiesa fiċ-Ċimiterju fil-11.30am.

***Diċembru***

**1** **Bidu tal-Avvent.** Fil-quddiesa tas-6.15pm titbierek il-Girlanda tal-Avvent.

**1** Film fid-dar Parrokkjali fis-7.00pm. *Din hi attività għall-familja kollha. Wara jkun hemm ikel b'xejn għal kulħadd.*

**7** **Festa tal-Immakulata Kunċizzjoni.** Quddiesa bis-sehem tal-għaqdiet tal-Parroċċa fis-6.15pm.

**13** Lectio Divina (Riflessjoni fuq il-Kelma ta' Alla) fil-Knisja fil-5.15pm.

**15-23** **Novena tal-Milied.** Quddiesa bi tħejjija għall-milied fis-6.15pm.

**21** Premjazzjoni tat-tfal fil-MUSEUM fil-5.00pm.

**21** Ċelebrazzjoni penitenzjali bil-qrar fil-Knisja fis-6.15pm.

**23** Purċissjoni bil-Bambin miċ-Ċentru Parrokkjali sal-Knisja fil-5.00pm.

**24** **Lejlet il-Milied.**
*(Ma ssirx quddiesa fis-6.15pm)*
Fil-11.00pm Velja "Minn għajnejn l-anġlu" bil-priedka tradizzjonali, kant, reċta mit-tfal u riflessjonijiet oħra. F'nofsillejl tibda l-quddiesa tal-lejl tal-Milied.
Wara l-quddiesa jkun hemm *Christmas Breakfast* fiċ-Ċentru. Booking minn qabel.

**25** **Jum il-Milied.** Quddies fis-6.00am, 8.30am u 6.15pm.

**28** Ħarġa għat-tfal. Tluq fid-9.30am minn fuq iz-zuntier.

**31** Quddiesa ta' Ringrazzjament għas-sena 2018 fis-6.15pm.



### *Strina għall-Parroċċa*

Ma' din il-ħarġa għandek issib envelop biex tkun tista' tibgħat l-offerta tiegħek fih. Il-parroċċa tiddependi mill-għajnuna tiegħek biex tkun tista' tkompli twettaq il-missjoni tagħha tax-xandir tal-Kelma ta' Ġesù, l-għajnuna lill-aħwa fil-bżonnijiet tagħhom u l-manutenzjoni tal-istrutturi tagħha.